



Għaqda Storika Kulturali, Marsa
Raymond Montebello - President

# Żmien l-Għarab u l-Marsa (870-1091WK)

Il-kelma 'Marsa' tixhed kemm dawn l-inħawi kienu utilizzati u użati sew bħala port fi żmien l-Għarab. 'Marsa' hija kelma Għarbija li tfisser fejn tankra fil-baxx, kenn għall-imriekeb, u għalhekk fih innifsu port fin-natura tiegħu. F'Malta għad għandna ħafna ismijiet li jġibu isimhom b'Marsa għax kollha huma mkejjen ta' daħliet għall-kenn tal-imriekeb, jiġifieri portijiet fihom infushom, fosthom Marsamxett, Marsaskala u Marsaxlokk f'Malta u Marsalforn f'Għawdex. Il miġja tal-Għarab f'Malta seħħet f'Awwissu tas-sena 870 WK, meta l-Għarab Aglabiti minn Sqallija invadew lil Malta u temmew l-okkupazzjoni Biżantina fostna. Kif naraw illum, bosta ismijiet ta' rħula u mkejjen f'Malta għad għandhom ismijiet Semitiċi u dan jurina kemm il-ħakma Għarbija f'Malta kellha wkoll kuntatt qawwi fostna għaliex, minkejja li wara l-ħakma Għarbija Malta għaddiet minn taħt ħafna ħakmiet u influwenzi oħra, xorta




*ikompli f'paġna 119*

bqajna nżommu dan l-ilsien ħlejju tagħna li għadna ngħożżu sal-lum.

Il-Marsa kienet diġà tintuża bħala port minn ħakmiet oħra li ġew qabel l-Għarab, bħall-Feniċi, il-Kartaġiniżi, ir-Rumani u l-Biżantini, u għalhekk il-kelma 'Marsa' tagħtina x'nifhmu aktar u aħjar kemm dawn l-imkejjen kienu ta' siwi għal din il-gżira. Nafu li fil-Marsa kien hawn ħafna raba' saqwi u ħafna mrasi fl-inħawi li fihom kien jitrabba ħafna ħut. Nafu li l-Għarab daħħlu f'Malta għodod ġodda għall-agrikoltura u għadd ta' siġar taċ-ċitru u għalhekk nobsu li fil-Marsa, b'art u ħamrija għammiela, setgħu għamlu użu minnha sew. Għalkemm fdalijiet ta' żmien l-Għarab ftit li xejn għandna ma jfissirx li ma kienx hawn strutturi jew xi bini ta' għamla Għarbija u nimmaġinaw li la l-port tal-Marsa kien attiv fejn jidħol kummerċ bilfors li kien hawn xi tip ta' komunità. Dan narawh ukoll meta lejn it-tramuntana kellek lil Sqallija musulmana minn naħa u l-Afrika ta' Fuq min-naħa l-oħra. Għalhekk nimmaġinaw li kien hawn komunikazzjoni diretta ta' kummerċ miż-żewġ naħat b'mod attiv, avolja kellek sistemi ta' Emiri li jaħdmu b'mod differenti minn xulxin.

Waħda mill-industriji li l-Għarab kabbru f'Malta kienet is-sengħa tal-qoton. Il-qoton tista' tgħid li kien sar l-industrija ewlenija tal-gżejjer tagħna u baqa' kważi sas-seklu tmintax. Il-qoton maħdum f'Malta kien jirrendi u mfittex ħafna. Ħafna pajjiżi tal-Mediterran kienu jfittxu s-swieq tagħna fejn jidħol il-qoton. Ma nafux għaliex ma nstabx biżżejjed fdal tal-ħakma Għarbija f'Malta u wisq naħsbu li meta ġiet mitmuma din il-ħakma, dak li ħallew seta' ġie abbandunat jew meqrud b'mod misterjuż, l-iktar minħabba l-preġudizzju lejn dak kollu li kien Għarbi jew musulman. Dan seta' ġara minħabba l-kultura l-oħra Ewropea nisranija li bdiet dieħla mal-wasla tan-Normanni mill-1091 'il quddiem.

**Imkejjen musulmani fil-Marsa**

Għalkemm dawn m'għadhomx x'jaqsmu mal-ħakma Għarbija, fil-Marsa nsibu żewġ imkejjen tar-rit musulman. Post minnhom għad fadlilna fdal tiegħu u l-ieħor għadu jeżisti sal-lum. Ftit 'il ġewwa mill-Menqa, fi żmien il-Gran Mastru Nicola Cotoner, kien jeżisti ċimiterju musulman għal dawk l-ilsiera musulmani li kienu jmutu f'Malta. Skont il-professur Godfrey Wettinger jingħad li f'dan il-midfen kienet teżisti moskea. Ġara iżda li l-ammiraljat Ingliż, lejn tmiem is-seklu



tmintax, kien neħħa dan iċ-ċimiterju biex minfloku jiżviluppa l-ġewwieni tal-Port il-Kbir minħabba d-domanda ta' vapuri tal-merkanzija u dawk navali. Xi fdal minn dan iċ-ċimiterju sab postu f'lok ieħor fil-Marsa, f'post imsejjaħ Ta' Samut, fejn illum insibu ċ-ċimiterju tat-Torok.